**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 11 ta' Lulju 2023**

Rikors Numru: 206/23 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 505/1997)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-tlieta ta' Mejju tas-sena elf disgha mija sebgha u disghin (3/05/1997) (kopja tac-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok A);

2. Illi l-partijiet sseparaw fil-hmistax (15) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) permess ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa (Hawn anness u mmarkat bhala Dok B) liema kuntratt kien gie

emmendat fis-17 ta' Frar 2017 fl-atti tan-Nutar Dr Sylvana Borg Caruana (hawn anness u mmarkat Dok C);

3. Illi m'hemm l-ebda tama ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

4. Illi m'hemm l-ebda kwistjoni bejniethom dwar l-manteniment stante li m'hemm ebda manteniment bejn il-partijiet stante li z-zewgt itfal illum huma maggorenni;

5. Illi dan kollu huwa ikkonfermat bil-gurament permess ta' affidavit (hawn anness u mmarkat bhala Dok D).

6. Illi ghaldaqstant il-partijiet jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabiliti mil-ligi biex jinghataw d-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap 16 tal- Ligijiet ta' Malta);

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien indikat minn din l-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiiet, u sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta’ April, 2023;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla li fuq domanda tal-Qorti wieġeb li ma għandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu it-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta' Dicembru 2003;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.